**249. Il-Prim Ministru jipproponi:**

Illi l-Kamra tad-Deputati

Wara li kkunsidrat li meta taċċedi l-Emenda għall-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll ta' Moviment Transkonfini ta' Skart Perikoluż u r-Rimi tagħhom (msejjħa l-Emenda ta' Projbizzjoni) tkun konformi mal-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, Malta tingħaqad mal-mija, ħamsa u sebgħin imsieħba f'din il-Konvenzjoni u għalhekk tagħmel parti mill-pożizzjoni espressa mill-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà ambjentali;

Wara li kkunsidrat is-subartikli (1)(c) u (2)(b) tal-artiklu 3 tal-Att dwar ir-Ratifika ta' Trattati (Kap 304) u l-artiklu 3(2) tal-Att dwar Poteri li jsiru Regolamenti fl-Interess Nazzjonali (Kap 365);

Tirriżolvi li tawtorizza lill-Gvern biex jaċċedi l-Emenda għall-Konvenzjoni ta' Basel dwar il-Kontroll ta' Moviment Transkonfini ta' Skart Perikoluż u r-Rimi tagħhom u hekk Malta tkun il-mija, sitta u sebgħin imsieħba fil-Konvenzjoni.

29.09.11